I

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

DIRETTIVA 2006/93/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Diċembru 2006

dwar ir-regolament ta' l-operazzjoni ta' l-ajruplani koperta mill-Parti II, il-Kapitolu 3, il-Volum 1 ta' l-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988)

(verżjoni kodifikata)

(test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l- l-Artikolu 80 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2])

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/14/KEE tat-2 ta' Marzu 1992 dwar il-limitazzjoni ta' l-operazzjoni ta' l-ajruplani koperta mill-Parti II, il-Kapitolu 2, il-Volum 1 ta' l-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988) ([3]) ġiet emendata kemm-il darba b'mod sostanzjali ([4]). Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

(2) L-applikazzjoni ta' standards tal-ħoss għal ajruplani jet subsoniċi għandha konsegwenzi sinifikanti għall-provvista ta' servizzi tat-trasport bl-ajru, b'mod partikolari meta dawn l-istandards jillimitaw l-użu utli ta' l-ajruplani operati minn linji ta' l-ajru.

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/629/KEE ta' l-4 ta' Diċembru 1989 dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjoni ta' ħsejjes minn ajruplani ċivili jet subsoniċi ([5]) tillimita ż-żieda mar-reġistri ċivili ta' l-arju ta' Stati Membri ta' ajruplani li jikkonformaw biss ma' l-istandards speċifikati fil-Parti II, il-Kapitolu 2, il-Volum 1 ta' l-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988). Dik id-Direttiva tispeċifika li l-limitazzjoni dwar iż-żieda hija biss l-ewwel stadju.

(4) Minħabba l-problema tal-konġestjoni li dejjem qed tikber fl-ajruporti Komunitarji, huwa essenzjali li jiġi assigurat li jsir l-aħjar użu mill-faċilitajiet eżistenti. Dan ikun possibbli biss jekk jintużaw ajruplani li huma aċċettabbli għall-ambjent.

(5) Ix-xogħol magħmul mill-Komunità f'kooperazzjoni ma' korpi oħrajn internazzjonali jindika li l-miżuri biex tiġi llimitata l-operazzjoni ta' ajruplani li ma jikkonformawx ma' l-istandards tal-Kapitolu 3 ta' l-Anness 16 għandu jsegwi kull regola nonaddizzjonali sabiex dan ikun ta' benefiċċju ambjentali.

(6) Għandhom jiġu introdotti regoli komuni għal dan l-iskop fuq skala ta' żmien raġonevoli sabiex jiġi assigurat approċċ armonizzat fil-Komunità kollha, li jissupplimenta regoli eżistenti. Dan huwa partikolarment importanti minħabba x-xejra riċenti lejn liberalizzazzjoni progressiva tat-traffiku ta' l-ajru Ewropew.

(7) Il-ħoss ta' l-ajruplani għandu jitnaqqas, billi jittieħed kont ta' fatturi ambjentali, vjabbilità teknika u konsegwenzi ekonomiċi.

(8) Huwa approprjat li l-operazzjoni ta' ajruplani jet subsoniċi ċivili li jidhru f'reġistri ta' Stati Membri u li jikkonformaw ma' l-istandards tal-Kapitolu 3 ta' l-Anness 16 tiġi regolata.

([1]) ĠU C 108, 30.4.2004, p. 55.

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Frar 2004 (ĠU C 97 E, 22.4.2004, p. 67) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Novembru 2006

([3]) ĠU L 76, 23.3.1992, p. 21. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 991/2001 (ĠU L 138, 22.5.2001, p. 12).

([4]) Ara l-Anness I, Parti A.

([5]) ĠU L 363, 13.12.1989, p. 27.

(9) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva. Dawn il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(10) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness I, Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tiġi regolata l-operazzjoni ta' ajruplani jet subsoniċi ċivili kif speċifikat fl-Artikolu 2.

2. Din id-Direttiva tapplika għal ajruplani b'massa massima għat-tlugħ ta' 34 000 kg jew aktar jew b'akkomodazzjoni interna ċertifikata massima għat-tip ta' ajruplan inkwistjoni li tikkonsisti minn aktar minn dsatax-il sedil għall-passiġġieri, eskluži sedili għall-ekwipaġġ biss.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, l-ajruplani kollha ċivili jet subsoniċi li joperaw minn ajruporti li jinsabu fit-territorju tagħhom jikkonformaw ma' l-istandards speċifikati fil-Parti II, Kapitolu 3, Volum 1 ta' l-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988).

2. It-territorju msemmi fil- paragrafu 1 m'għandux jinkludi d-dipartimenti *extra*-Ewropej imsemmija fl-Artikolu 299 (2) tat-Trattat.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill Artikolu 2 għal ajruplani ta' interess storiku.

2. Kull Stat Membru li jagħti eżenzjonijiet taħt paragrafu 1 għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bil-fatt u bir-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

3. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-eżenzjonijiet mogħtija minn Stat Membru ieħor fir-rigward ta' ajruplani fir-reġistri ta' dan ta' l-aħħar.

4. F'każijiet individwali, Stati Membri jistgħu jippermettu l-użu temporanju, f'ajruporti fit-territorju tagħhom, ta' ajruplani li ma jistgħux jiġu operati fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta' din id-Direttiva. Din l-eżenzjoni għandha tkun limitata għal:

(a) ajruplani li l-operazzjonijiet tagħhom huma ta' natura tant rari li ma kienx ikun raġonevoli li ma tingħatax eżenzjoni temporanja;

(b) ajruplani jew titjiriet li ma jħallux qligħ għall-iskopijiet ta' alterazzjonijiet, tiswija jew manutenzjoni.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jassiguraw li dawk ir-regoli jiġu implementati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li tolqothom.

Artikolu 6

1. Id-Direttiva 92/14/KEE hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness I, Parti B.

2. Referenzi magħmula għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 7

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 8

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, 12 ta' Diċembru 2006.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BORRELL FONTELL	M. PEKKARINEN

ANNESS I

Parti A

Direttiva mhassra flimkien ma' l-emendi suċċessivi tagħha

Direttiva tal-Kunsill 92/14/KEE	(ĠU L 76, 23.3.1992, p. 21)
Direttiva tal-Kunsill 98/20/KE	(ĠU L 107, 7.4.1998, p. 4)
Direttiva tal-Kummissjoni 1999/28/KE	(ĠU L 118, 6.5.1999, p. 53)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 991/2001	(ĠU L 138, 22.5.2001, p. 12)

Parti B

Lista ta' limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali

(imsemmi fl-Artikolu 6)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni
92/14/KEE	L-1 ta' Lulju 1992
98/20/KE	L-1 ta' Marzu 1999
1999/28/KE	L-1 ta' Settembru 1999

ANNESS II

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 92/14/KEE	Din id-Direttiva
Artikou 1(1) u (2)	Artikolu 1(1) u (2)
Artikolu 1(3)	—
Artikolu 2(1)	—
Artikolu 2(2)	Artikolu 2(1)
Artikolu 2(3)	Artikolu 2(2)
Artikolu 2(4)	—
Artikoli 3 u 4	—
Artikolu 5(1)	—
Artikolu 5(2)	Artikolu 3(1)
Artikoli 6 u 7	—
Artikolu 8	Artikolu 3(4)
Artikolu 9(1)	Artikolu 3(2)
Artikolu 9(2)	Artikolu 3(3)
Artikoli 9a u 9b	—
Artikolu 10(1)	—
Artikolu 10(2)	Artikolu 4
—	Artikolu 5 ([1])
—	Artikolu 6
—	Artikolu 7
Artikolu 11	Artikolu 8
Anness	—
—	Anness I
—	Anness II

([1]) Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/20/KE.